**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 ta' Settembru 2020**

**Talba Nru: 120/20 CZ**

**Frank Galea**
**vs.**

**Rosario sive Louis Carabott u Maria Carabott**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fil-25 ta' Gunju 2020 li biha premetta illi:

1. Fit-tnejn (2) ta' Settembru elfejn u sittax (2016), ir-rikorrenti sellef is-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) lill-intimati.
2. Tali somma tirraprezenta self brevi manu li kellu jithallas lura lir-rikorrenti sat-tnejn (2) ta' Dicembru 2016 u sa dik il-gurnata l-ebda imghax ma kien dovut.
3. Minkejja d-diversi interpellazzjonijiet tar-rikorrenti, inkluz l-ittra ufficcjali numru 1291/2019, l-intimati baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati l-ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:

1. Jiddikjara li s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) hija dovuta lir-rikorrenti mighandi l-intimati.
2. Jordna lill-intimati jhallsu s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) lir-rikorrenti.
3. Jordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti imghax ikkalkulat mit-3 ta' Novembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficcjali u bl-imghax kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra illi l-konvenuti debitament notifikati ma pprezentawx risposta;

Ra illi l-attur xehed fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2020 u kkonferma li l-ammont minnu mitlub minghand il-konvenuti ghadu kollu dovut.

Ra illi l-attur talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza, u ra li l-kawza giet posposta ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob hlas lura ta' hamest'elef Euro (€5,000) mislufa *brevi manu* lill-konvenuti lura fl-2016.

Illi l-konvenuti ma kkontestawx il-kawza u lanqas ma prezentaw risposta, u wara li sema' x-xiehda tal-attur, it-Tribunal jikkunsidra li t-talba tal-attur ghas-sorte msemmija hija gustifikata.

Illi l-attur madankollu jitlob ukoll l-imghax lura sa mit-3 ta' Novembru 2016, u cioe' sa mill-ghada tal-gurnata li fiha l-konvenuti kellhom, skond l-attur, ihallsuh kollox lura.

Illi l-attur jindika li pprezenta ittra ufficcjali kontra l-konvenuti fl-2019 izda t-Tribunal ra li din l-ittra ufficcjali mhijiex fl-atti.

Illi ghalhekk jirrizulta lit-Tribunal li l-attur interpella zgur ghall-ewwel darba lill-konvenuti ghall-hlas de quo permezz tal-kawza odjerna, u l-imghax ha jibda jiddekorri mill-prezentata tal-istess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-attur, jichad it-tielet talba, u jordna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv. L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur